**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**2/18**

**Minuti tat-tieni (2) laqgħa tat-tmintax–il sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Hamis, 19 ta' Jannar 2012.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Vici Sindku |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj Louise Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skuzati:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (bl-ittre 17/1/12 minhabba impenji) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bl-ittre 17/1/12 minħabba xogħol) |
| **Assenti:** | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (bla ittre) |

**AĠENDA :** Ħatra ta' Skrivan Skala 15.

## 1 Talba

1.1 Il-Laqgħa bdiet fl-5.50 ta' filgħaxija u nfethet b'talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri preżenti.

## 2 Ħatra ta' Skrivan Skala 15

2.1 Is-Sindku s-Sur Horace J. Anastasi informa lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill kien ħareg 'internal call' għal Skrivan Skala 15 u ħadd ma bagħat applikazzjoni. Saret talba lil-*ETC* u minn 142 kandidat, 63 wieġbu sal-25 ta' Dicembru 2011. Il-Bord tal-Għażla iltaqa' nhar l-Erbgħa 11 ta' Jannar u nhar l-Ħamis 12 ta' Jannar 2012. Is-Sur Edwin Formosa ġie skużat peress li kellu appuntament u kellu jitlaq f'nofs il-intervisti li nżammu nhar il-Ħamis. Is-Sindku beda jaqra l-punti li ġabu l-kandidati. Kien hemm livell għoli ħafna ta' edukazzjoni fost l-applikanti. Għall-kwalifiċi l-Bord mexa skont ir-regolamenti tal-*ETC* u kien importanti li l-kandidati ikollhom *ECDL*, l-*accounts*, esperjenza ta' xogħol, apparenza u '*team spirit'*. Is-Sindku staqsa lil-Kunsillieri preżenti x'jiġri fil-każ min jiġi l-ewwel ma jaċċettax.

2.2 Is-Sindku, fil-preżenza tal-Kunsillieri, ċempel lis-Sinj. Dorianne Sciberras biex jinfurma li l-Kunsill ta' Santa Venera għażel lilha bħalha skrivana iżda, hi infurmatu li laħqet sabet xogħol. Is-Sindku infurmaha sabiex tibgħat bil-miktub li mhijiex qed taċċetta l-kariga.

2.3 Wara lill-Kunsill qabel, is-Sindku ċempel fil-preżenza tal-Kunsillieri, lis-Sinj. Juliana Attard li kienet ikklassifikat fit-tieni (2) post. Is-Sinj Attard aċċettat il-ħatra ta' Skrivana fi Skala 15.

2.4 Il-Aġent Segretarju Eżekuttiv irid jinforma lil *ETC* u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-għażla tal-Iskrivana. Ser tintbagħat ittra biex ikollna risposta mingħand Dorianne Sciberras li rrifjutat il-kariga u tintbagħat ittra oħra tal-ħatra ta' Juliana Attard.

2.5 Il-Kunsilleri preżenti, s-Sindku, is-Sur Horace J Anastasi, il-Viċi Sindku, is-Sur Ronald Briffa, is-Sinjura Mariella Micallef u s-Sur Charles Camilleri aċċettaw ir-rapport tal-Bord tal-Għażla tal-Iskrivan Skala 15 fin-nuqqas tal-membri s-Sur Cleaven Bugeja u s-Sur Edwin Formosa.

2.6 Il-Kunsill jaqbel li hija r-responsabbilita' ta' kull Kunsillier li jaqra l-ittri elettroniċi li jintbagħtulu u li jaqra l-korrispondenza kollha li tinsab fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

2.7 Il-laqgħa intemmet fis 6.20 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Horace J. Anastasi | Louise Gusman |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn, 11 ta' Ġunju, 2012.